MARSAXLOKK

Kunsill Lokali - Marsaxlokk - Local Council
2 Triq Vittorio Cassar
Marsaxlokk MXK 1051
Tel 21652525, 21650937, Fax 21659555
e-mail : marsaxlokk.lc@gov.mt

Lill-Membri kollha tal-Kunsill

## Laqgħa tal-Kunsill

Inti ġentilment mitlub biex tattendi laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk li ser issir fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, **nhar il-Hamis 17 ta' Marzu 2016 fil-5:00p.m.**

Duncan Hall
Segretarju Eżekuttiv

Illum l-4 ta' Marzu 2016
Nru 17

## Aġenda

1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti mqajjma mill-Minuti
3. Komunikazzjonijiet tas-Sindku
4. Mistoqsijiet lis-Sindku
5. Korrispondenza
6. Materji u rapporti tal-Kumitati/Sotto-Kumitati
7. Rapporti minn Uffiċjali u membri tal-Kunsill Lokali
8. Materji Finanzjarji
9. Sejħiet għall-offerti/kwotazzjonijiet
10. Approvazzjoni ta' ħlasijiet
11. Approvazzjoni ta' petty cash
12. Approvazzjoni ta' works/purchase orders
13. Mozzjonijiet
14. Attivitajiet
15. Materji oħra
16. Aġġornament tal-laqgħa

Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, seduta nru 17, li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar il-Hamis 17 ta' Marzu 2016, fil-5:00 pm.

1. **Prezenti :**

| | |
|---|---|
| Sindku | Horace Gauci (H.G.) |
| Vici-Sindku | Steven Grech (S.G.) |
| Kunsilliera | Janice Chetcuti ( J.C.)<br>Daniel Zerafa (D.Z.)<br>Stephen Caruana (S.C.) |
| Segretarju Ezekuttiv | Duncan Hall (D.H.) |

Membri tal-pubbliku prezenti : 2

**Agenda ghal-laqgha :**

1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti mqajma mill-Minuti
3. Komunikazzjonijiet tas-Sindku
4. Mistoqsijiet lis-Sindku
5. Korrispondenza
6. Materji u rapporti tal-kumitati/Sotto-Kumitati
7. Rapporti minn Ufficjali u membri tal-Kunsill Lokali
8. Materji Finanzjarji
9. Sejhiet ghall-offerti/kwotazzjonijiet
10. Approvazzjoni ta' hlasijiet
11. Approvazzjoni ta' petty cash
12. Approvazzjoni ta' works/purchase orders
13. Mozzjonijiet
14. Attivitajiet
15. Materji oħra
16. Aġġornament tal-laqgha

**Talba**

Is-Sur Horace Gauci flimkien ma' dawk prezenti qal it-talba

**17/01** **Qari tal-Minuti**

17/01/01 Kopja tal-Minuti tas-Seduti precedenti, seduta numru 16 (l-ewwel parti) u seduta numru 16 (it-tieni parti), kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel il-laqgha u ghaldaqstant il-Minuti ittiehdu bhala moqrija

17/01/02 Wara konsiderazzjoni fuq mozzjoni tas-Sur Horace Gauci issekondata mis-Sa. Janice Chetcuti, il-minuti ta' seduta 16 (l-ewwel parti) gew approvati b'votazzjoni unanima

17/01/03 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-Minuti bħala dokument korret.

17/01/04 Wara konsiderazzjoni fuq mozzjoni tas-Sur Steven Grech issekondata mis-Sur Stephen Caruana, il-minuti ta' Seduta 16 (It-tieni parti) gew approvati b'votazzjoni unanima

17/01/05 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-Minuti bħala dokument korrett.

**17/02** ***Arisings* mill-Minuti**

17/02/01 Is-Sa. Janice Chetcuti staqsiet lill-Kunsill Lokali dwar eventwali zviluppi li seta' kien hemmm rigward minuta 16/05/04 li kienet tikkoncerna talba ghal permess ta' *vending machine* fiz-zona tal-maghluq.
Is-Segretarju Ezekuttiv pogga fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali kopja tad-dokumenti li s-Sur Adrian Burnell kien issottometta fuq talba tal-Kunsill Lokali. Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti illi s-Sur Burnell kellu jinhargilu l-permessi mitlub skond avviz legali 119 tal-2002.

17/02/02 Is-Steven Grech staqsa lill-Kunsill Lokali jekk kienx hemm xi zviluppi b'konnessjoni ma' minua 16/05/11 li kienet tikkoncerna korrispondenza ma' Transport Malta b'konnessjoni ma' marki tal-karreggjata fi Triq Xatt is-Sajjieda ghal coaches u *open top buses*.
Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi wara li l-Kunsill Lokali kien ikkomunika d-decizjoni mehuda mas-Sur Ronald Attard Pullicino f'isem Transport Malta, r-risposta li kienet inghatat kienet tghid illi fl-opinjoni ta' Transport Malta, l-ahjar soluzzjoni kienet dik imressqa minn Transport Malta u mhux dik tal-Kunsill Lokali. Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil unanimu illi fid-dawl tac-cirksotanzi, l-Kunsill Lokali kellu jirrevedi l-pozizzjoni tieghu. Madanakollu, l-Kunsill Lokali kellu jaghmilha cara illi kemm il-darba jigi innotat illi ikun hemm *coaches u open top buses* ipparkjati fiz-zona tal-maghluq, il-koncessjoni li kienet ser tkun qieghda tinghata sabiex isir *boarding/alighting* fiz-zona tal-maghluq kellha tigi revokata.

17/02/03 Is-Sur Steven Grech informa lill-Kunsill Lokali illi b'konnessjoni ma' minuta 16/15/05, kien gie stabbilit illi l-hsarat li kellha water feature li kien hemm fi pjazza Madonna ta' Pompei ma kienux jeccedu t-€3000 u talab lill-Kunsill Lokali jikkonferma illi jsiru t-tiswijiet mehtiega.
Kien hemm kunsens unanimu fost il-Kunsilliera prezenti illi l-Kunsill Lokali kellu jidhol ghall-ispejjez ta' tiswija.

**17/03** **Komunikazzjonijiet tas-Sindku**

17/03/01 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti nhar is-16 ta' Frar 2016, il-Kunsill Lokali kien iddiskuta ma WasteServ Malta Ltd. il-gbir ta' skart organiku mil-lokalita' u gew ratifikati problemi li kien hemm b'konnessjoni mal-istess gbir ta' skart fi Triq it-Torri.

17/03/02 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi is-17 ta' Frar 2016, kellu laqgha tar-Regjun Xlokk li matulha kienu gew diskussi fost affarijiet ohra problemi fuq livelli lokali b'mod partikolari servizzi ta' gwardjani lokali. Is-Sur Gauci zied jghid illi

waqt l-istess laqgha kienet saret prezentazzjoni mill-kumpanija Rodeco rigward *patching* ta' toroq.

17/03/03 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi nhar id-19 ta' Frar 2016, kienet inzammet laqgha mal-Ispettur Melvyn Camilleri u rapprezentanti tal-korp tal-pulizija li matulha kienu gew diskussi diversi temi relatati ma' infurzar fil-lokalita' flimkien mal-inzijativa li kien ha l-Kunsill Lokali illi jwahhal marki sabiex is-sidien tal-istabbilimenti jigu mgieghla josservaw il-ligijiet u jzommu passagg liberu fuq bankina fi Triq Xatt is-Sajjieda.

17/03/04 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi flimkien ma' membri tal-Kunsill kien attenda ghal laqgha mal-Onor Roderick Galdes nhar id-19 ta' Frar 2016. Is-Sur Gauci zied jghid illi matul il-laqgha kienet inzammet diskussjoni rigward proposti ta' *breakwaters* li kienu tressqu ghall-implimentazzjoni fil-lokalita'.

17/03/05 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi nhar it-22 ta' Frar 2016 u nhar it-8 u l-10 ta' Marzu 2016 kien attenda ghal laqghat mal-Ministeru ghall-Energija u s-Sahha li matulhom kien gie diskuss il-pjan ta' rigenerazzjoni ghal Marsaxlokk. Is-Sur Gauci zied jghid illi filwaqt li kienu tlestew l-arrangamenti sabiex jinbeda x-xoghol fi Triq Barthelemy u Triq iz-Zejtun, kienu ghadhom ghaddejjin diskussjonijiet rigward parkegg ghal bejjiegha tas-suq fil-berah ta' nhar ta' Hadd (wara l-grawnd tal-futbol), Triq il-Kavallerizza u emendi ghal kapitlu 441 tal-ligijiet ta' Malta ( Att dwar il-licenzji tal-Kummerc).

17/03/06 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi nhar il-25 u s-26 ta' Frar 2016, kien attenda ghal konferenza gewwa Spanja bit-tema *'Active Citizens for active climate protection'*. Is-Sindku sahaq illi b'konnessjoni mal-inizjativa xtaq jippreciza illi l-ispejjez kollha relatati mal-konferenza kienu thallsu mill-Assocjazzjoni ghall-Gvern Lokali.

17/03/07 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi nhar id-29 ta' Frar 2016, kienet inzammet laqgha mas-Sur Mario Camilleri li kien qieghed jghin lill-Kunsill Lokali fil-kordinament tal-attivita' li kien ser itella' l-Kunsill Lokali b'konnessjoni mal-Malta International Fireworks Festival. Is-Sur Gauci zied jghid illi dettalji dwar l-attivita' kienu ser jinghataw aktar tard waqt l-istess seduta.

17/03/08 Is-Sur Horace Gauci informa lill-Kunsill Lokali illi nhar l-1 ta' Marzu 2016, kellu laqgha ma' rapprezentant tal-fondazzjoni Valletta 2018 li matulha l-Kunsill Lokali kien gie pprezentat bid-disinji ta' pinnur li kien ser isir fil-lokalita'. Is-Sur Gauci qal illi kien jonqos *no objections* min-naha ta' Transport Malta u l-Awtorita Maltija ghall-Ambjent u l-Ippjanar sabiex il-progett ikun jista' jimmaterjalizza.

17/03/09 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti ili nhar l-4 ta' Marzu 2016, inzammet laqgha ma' rapprezentanta ta' *'Right to smile'* li matulha kienu gew diskussi dettalji dwar mural art painting li kien qieghed jigi propost li jsir fi Triq l-Arznell. Is-Sindku zied jghid illi b'konnessjoni mal-inizjativa, kien hemm il-htiega li tinhareg sejha ghal espressjoni ta' interess fost iz-zghazagh Xlukkajri.

17/03/10 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi flimkien ma' numur ta' Kunsilliera u s-Segretarju Ezekuttiv kien iltaqa' maz-zewg koperativi tas-Sajd bil-ghan illi jigi diskuss progett ta' breakwaters li kien qieghed jigi propost ghal implimentazzjoni fil-lokalita'. Is-Sur Gauci tenna illi wara li kien intlehaq qbil bejn il-partijiet, kien gie

deciz illi tinhareg stqarrija ghall-istampa bil-ghan illi tigi mgharrfa l-pozizzjoni tal-Kunsill Lokali u taz-zewg koperativi tas-sajjieda dwar l-izvilupp li kien qieghed jigi propost.

17/03/11 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi nhar is-7 ta' Marzu 2016, kien iltaqa' mas-Sur Joseph Pavia u kien iddiskuta l-possibilita' ta' progett bejn Malta u Sqallija bit-tema principali tal-progett tkun l-istorja u l-kultura trazmessi permezz taz-zfin. Is-Sur Gauci tenna illi l-progett proposta kellu jkun iffinanzjat mill-Unjoni Ewropeja.

17/03/12 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi nhar il-11 ta' Marzu 2016, kienet inzammet il-laqgha ta' kull xahar tal-management board ta' Xrobb l-Ghagin li matulha gew diskussi fost l-ohrajn konferenza li kienet ser issir nhar il-21 ta' Marzu 2016 u li kienet ser tkun qieghda tinfetah mis-Sindku u talba ghal tabelli indikativi fil-lokalita'.

17/03/13 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezent illi nhar it-12 ta' Marzu 2016, kienet inzammet konferenza ghall-istampa b'kollaborazzjoni tal-Gvern Centrali gewwa x-Xaghra ( Ghawdex) li matulha kienu inghataw dettalji dwar il-Malta International Fireworks Festival li serata minnu kienet ser tkun qieghda tittella' gewwa Marsaxlokk.

17/03/14 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi flimkien mal-Kunsilliera Janice Chetcuti, nhar it-12 ta' Marzu 2016, kien ha sehem f'attivita' ta' tindif mtella' minn Nature Trust Malta fir-riserva tal-Ballut.

**17/04 Mistoqsijiet lis-Sindku**

17/04/01 Ma kienx hemm

**17/05 Korrispondenza**

17/05/01 Permezz ta' applikazzjoni datata 15 ta' Marzu 2016, is-Sur Camel Barbara talab lill-Kunsill Lokali permess sabiex f'Jum San Girgor (30/03/2016) ikun jista' jpoggi imwejjed u siggijiet fit-triq quddiem l-istabbiliment *Bello Nettuno* li kien jinstab fi Triq il-Wilga.
Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti illi kellu jinhareg il-permess hekk kif mitlub u b'konformita' ma' avviz legali 119 tal-2002.

17/05/02 Permezz ta' e-mail datat 12 ta' Marzu 2016, is-Sur Manuel Cardona talab lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi jigi installat sellum fiz-zona tal-pontoons tal-maghluq sabiex in-nies ikunu jistghu jitilghu mill-bahar.
Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezent illi s-Sur Cardona kellu jigi infurmat illi biswit iz-zona indikata diga' kien hemm sellum installat u ma kienx possibbli illi isiru ohrajn.

17/05/03 Permezz ta' e-mail datat 16 ta' Marzu 2015, il-Kunsilli Lokali ta' Marsaxlokk u Birzebbuga baghatu e-mail lill-Kummissarju Elettorali principali bil-ghan illi jsiru l-arrangamenti mehtiega halli hekk kif maqbul Triq it-Torri tibda' tifforma parti mill-konfini tal-lokalita' ta' Marsaxlokk u ma tibqax taghmel parti mil-lokalita' ta' Birzebbuga.

17/05/04 Permezz ta' e-mail datat 17 ta' Marzu 2016, is-Segretarju Ezekuttiv baghat e-mail lis-Sur Joseph Debono, Chief of Staff fil-Ministeru ghat-Turizmu b'dettalji relatati mas-servizzi li kien joffri l-Kunsill Lokali b'konnessjoni ma' latrini pubblici fil-lokalita'.
Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezent illi kienu ghaddejjin diskussjonijiet mal-Ministeru msemmi bil-possibilita' illi jigu estizi l-hinijiet ta' ftuh tal-latrini u l-hlasijiet dovuti ghall-hinijiet zejda jaslu minghand l-istess Ministeru ghat-Turizmu.

17/05/05 Permezz ta' e-mail datat 18 ta' Frar 2016, rapprezentant mal-Malta Competition and Consumers Affairs Authority informa lill-Kunsill Lokali illi kien gie innutat illi persuna kienet qieghda taghmel uzu minn pesticidi f'toroq madwar il-lokalita', possibilment bil-ghan illi jitnaqqas il-haxix hazin.
Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi dwar il-materja kien gibed l-attenzjoni tal-kuntrattur tal-Kunsil Lokali sabiex kemm il-darba l-attivita' illegali twettqet minnu tieqaf b'mod immedjat.

17/05/06 Permezz ta' e-mail datat 25 ta' Frar 2015, is-Sa. Sonia Vassallo talbet lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi jiehu azzjoni sabiex jitnehha hamiem li kien hemm f'barumbara abbandunata fi Triq ix-Xerriek.
Wara diskussjoni libera dwar il-materja, kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti illi kellha tintbaghat ittra lill-awtoritajiet kompetenti bil-ghan illi qabel tittiehed azzjoni, jigi determinat x'seta' jsehh.

17/05/07 Permezz ta' notifiki datati 17, 24 ta' Frar 2016 u 9 u 16 ta' Marzu 201, l-Awtorita' Maltija ghall-Ambjent u l-Ippjanar infurmat li kienet irceviet applikazzjonijiet ghal zvilupp bin-numri PA0458/16, PA0548/16, PA0773/16, PA4558/16, PA1522/16 u PA0866/16.
Wara li gew evalwati d-dettalji tal-applikazzjonijiet, gie stabbilit illi l-Kunsill Lokali ma kellu jsib ebda oggezzjoni.

17/05/08 Permezz ta' e-mail datat 7 ta' Marzu 2016, is-Sur Pio Farrugia f'isem id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali informa lill-Kunsill Lokali illi kienet giet accettata l-applikazzjoni tal-Kunsill Lokali sabiex tigi impjegata persuna b'dizabilita' fuq bazi part-time.
Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi fir-rigward kien ser ikun qieghe jiccekkja min kien ser ikun qieghed ihallas il-paga tal-eventwali persuna li kienet ser tigi ingaggjata.

17/05/09 Permezz ta' e-mail datat 16 Marzu 2016, is-Sur Frederick Attard talab lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi jinhareg permess sabiex nhar it-Tnejn 11 ta' April 2016 izur Marsaxlokk il-Mobile Dental Clinic u joffri s-servizzi tieghu minghajr hlas lil dawk li jaghmlu uzu minnu.
Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti illi l-inizjativa kienet wahda tajba hafna u l-Kunsill Lokali ma kellu jsib ebda oggezzjoni.

17/05/10 Permezz ta' e-mail datat 15 ta' Marzu 2016, is-Sur Emanuel Vella f'isem il-fondazzjoni Valletta 2018 talab lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi jippartecipa f'inizjativa li kienet ser tinzamm gewwa l-Port il-Kbir bl-isem ta' 'tellieqa' gennata'.
Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezent illi s-Sur Daniel Zerafa kellu jikkordina l-attivita' f'isem il-Kunsill Lokali.

17/05/11 Permezz ta' e-mail datat 15 ta' Marzu 2016, is-Sa. Isabella Camilleri Aquilina mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali informat lill-Kunsill Lokali illi l-applikazzjoni sottomessa sabiex jinkisbu fondi ghal attivita' relatata mal-Malta International Fireworks Festival kienet giet milqugha u l-Kunsill Lokali kien gie allokat is-somma ta' €5000 sabiex tittella' l-attivita'.
Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi b'rizultat tar-risposta tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali kienu qieghdin isiru l-preparamenti mehtiega sabiex tittella' l-attivita'. Huwa zied jghid illi aktar dettalji kienu ser jinghataw aktar tard waqt l-istess seduta.

17/05/12 Permezz ta' ittra datata 15 ta' Marzu 2016, is-Sur Mikiel Spiteri ghadda lill-Kunsill Lokali dettalji dwar fejn kien qieghed jitlob illi jitwahhlu zewg lampi godda fiz-zona ta' Delimara.
Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil unanimu illi minhabba nuqqas ta' fondi t-talba tas-sur Spiteri ma setghetx tigi milqugha.

17/05/13 Permezz ta' e-mail datat 11 ta' Marzu 2016, is-Sur Paul Gatt, president ta' ANSEK ikkorrisponda mad-Direttur tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali rigward procedure godda relatati ma' gbir ta' skart goff mil-lokalitajiet u wera d-dubju ta' ANSEK dwar kemm is-sistema proposta kienet ser tahdem. Bi twegiba ghas-Sur Gatt, id-Direttur tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali baghat e-mail nhar l-14 ta' Marzu 2016 li permezz tieghu ikkjarifika xi dubji li kien hemm filwaqt li sahaq illi t-tibdil li kien qieghed jigi propost kien konformi mal-ligijiet ezistenti li l-Kunsill Lokali kellhom josservaw.
Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi flimkien mas-Sindku kien qieghed isegwi kull zvilupp li kien qieghed ikun hemm dwar il-materja sabiex tinstab l-ahjar soluzzjoni possibbli ghall-Kunsill Lokali.

17/05/14 Permezz ta' e-mail datat 14 ta' Marzu 2016, is-Sur Sergio Mallia minn WEEE Malta talab lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi tinzamm laqgha bejn l-istess WEEE Malta u l-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk dwar l-iskart goff iggenerat fil-lokalita li kien jaqa' taht t l-iskema WEEE.
Wara diskussjoni libera, gie stabbilit illi kemm il-darba kellha tinzamm laqgha, minhabba impenji ohra li kellu l-Kunsill Lokali u l-amministrazzjoni, din ma kelliex issehh fl-immedjat.

17/05/15 Permezz ta' e-mail datat 1 ta' Marzu 2016, is-Sur Anthony Amaira mis-Segretarjat Parlamentari ghall-Gvern Lokali informa lill-Kunsill Lokali illi s-Segretarjat kienu waslulu ilmenti dwar l-istat hazin tat-triq fiz-zona maghrufa bhala tas-silg u nuqqas ta' knis min-naha tal-kuntrattur tal-Kunsill Lokali.
Wara diskussjoni libera, gie stabbilit illi filwaqt li ma kienx hemm wisq x'seta' jsir rigward il-knis, il-Kunsill Lokali kellu jippjana sabiex jaghmel *patching* fiz-zona ta' Tas-Silg.

17/05/16 Permezz ta' e-mail datat 29 ta' Frar 2016, is-Sindku f'isem il-Kunsill Lokali baghat e-mail liz-zewg koperativi tas-sajjieda li permezz taghha stedinhom ghal laqgha bil-ghan illi tigi diskussa proposta ta' breakwaters fil-lokalita.
Is-Sur Horace Gauci informa lil dawk prezenti illi b'rizultat tal-email mibghuta kienet inzammet laqgha li ghaliha kienu prezenti rapprezentanti taz-zewg koperativi tas-sajjieda u tal-Kunsill Lokali li matulha kien intlehaq kunsens dwar pozizzjoni komuni b'konnessjoni mal-izvilupp propost u kienet inharget stqarrija ghall-istampa u l-mezzi tax-xandir fir-rigward.

**17/06** **Materji u rapporti minn kumitati/Sotto-Kumitati**

17/06/01 Ma kienx hemm

**17/07** **Rapporti minn Ufficjali u Membri tal-Kunsill Lokali**

17/07/01 Ma kienx hemm

**17/08** **Materji Finanzjarji**

17/08/01 Ma kienx hemm

**17/09** **Sejhiet ghall-offerti/kwotazzjonijiet**

17/09/01 Ma kienx hemm

**17/10** **Approvazzjoni ta' hlasijiet**

17/10/01 Is-Segretarju Ezekuttiv pogga fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' pagamenti (Skeda nru.3 ) ghall-approvazzjoni

17/10/02 Fuq mozzjoni tas-sur Horace Gauci, issekondat mill-Kunsillier Steven Grech, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagament inkluzi fl-iskeda ta' pagamenti li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti.

**17/11** **Approvazzjoni ta' petty cash**

17/11/01 Is-Segretarju Ezekuttiv pogga fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali lista ta' petty cash mahruga matul Frar 2016.

17/11/02 Wara kunsiderazzjoni tas-Sur Steven Grech issekondat mis-Sur Horace Gauci, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-lista msemmija li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti

**17/12** **Approvazzjoni ta' works/purchase orders**

17/12/01 Is-Segretarju Ezekuttiv pogga fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali lista ta' works/purchase ordersmahruga matul Frar 2016.

17/12/02 Wara kunsiderazzjoni tas-Sur Stephen Caruana issekondat mis-Sa. Janice Chetcuti, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-lista msemmija li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti

**17/13** **Mozzjonijiet**

17/13/01 Ma kienx hemm

**17/14** **Attivitajiet**

17/14/01 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi kienu mexjin b'ritmu mghaggel il-preparamenti ghall-attivita' li kienet ser tittella' nhar il-Hadd 17 ta' April 2016 b'konnessjoni ma' Jum Marsaxlokk 2016. Is-Sur Gauci zied jghid illi s-Sur Brian Bugeja kien ikkonferma illi kien ser ikun qieghed itella' kuncert fi Pjazza Madonna ta' Pompei wara l-quddies tas-6:00p.m. Wara l-kuncert mtella' mis-Sur Sur Bugeja kellu jkun hemm l-ghoti ta' rikonoxximenti lil persuni li kienu ddistingwew ruhhom b'hidmiethom b'risq il-lokalita'. L-attivita' kellha taghlaq b'bibita li kienet ser tinzamm fl-ufficini tal-Kunsill Lokali u li ghaliha kellhom ikunu mistiedna l-ghaqdiet tal-lokalita' flimkien ma' numru ta' personalitajiet .

17/14/02 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi b'konnessjoni mas-serata li kienet ser titella' ghall-Malta International Fireworks Festival gewwa Marsaxlokk nhar is-Sibt 16 ta' April 2016, flimkien mas-Sur Mario Camilleri, il-Kunsill Lokali kien qieghed ihejji programm ta' attivitajiet li kien qieghed jigi ppjanat illi jibda fis-6:00p.m. u jintemm ghall-habta tal-11:30p.m. Is-Sur Gauc zied jghid illi kien gie ikkonfermat illi matul is-serata kien ser ikun hemm kuncert minn Airport Impressions, gostra, animaturi, projections fuq il-faccata tal-knisja parrokkjali u diversi attrazzjonijiet ohra. Is-Sur Gauci zied jghid illi b'konnessjoni mal-istess attivita' kienu ghaddejjin diskussjonijiet mal-Cleansing Services Department dwar l-involviment tal-imsemmi dipartiment fl-istess attivita'

Is-Seduta spiccat fit-8:00p.m. minghajr ma giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghal nhar it Tnejn 4 t'April 2016 fil-11:30a.m.

**Horace Gauci**
**Sindku**

**Duncan Hall**
**Segretarju Ezekuttiv**

Data: 14/4/16

**Kunsill Lokali: Marsaxlokk**

**Skeda Nru. 03-16**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:** 8/02/16 sa 16/03/16

| | Fornitur | Ammont tal- Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Jason Gauci | €161.07 | €161.07 | D | PF | newspapers & supplies for Jan 16 | 01/02/16 | inv 1/16 | 1865/1896 | 2290/2321 | | 114 |
| 2 | Marsaxlokk Local Council | €5,000.00 | €5,000.00 | D | PF | transfer of funds | n/a | n/a | n/a | n/a | | 113 |
| 3 | Payroll | €7,149.08 | €7,149.08 | D | PF | salaries & mayor honoraria for Feb 16 | n/a | n/a | n/a | n/a | | various |
| 4 | CIR | €2,843.40 | €2,843.40 | D | PF | payroll for dec 16 | n/a | n/a | n/a | n/a | | 67 |
| 5 | Cash | €200.00 | €200.00 | D | PF | petty cash | n/a | n/a | n/a | n/a | | 118 |
| 6 | V&A Services | €4,633.91 | €4,633.91 | D | PF | door-to door refuse collection for Feb 16 | 29/02/16 | mxlc030 | n/a | n/a | | 117 |
| 7 | Commissioner of Police | €101.57 | €101.57 | D | PF | extra duty service Mon 29/2/16 Polza S Girgor | n/a | n/a | n/a | n/a | | 116 |
| 8 | P&D Consultancy Services | €240.00 | €240.00 | K | PF | accountancy services | 16/02/2016 | mxlc4 | n/a | n/a | | 113 |
| 9 | Edric Micallef | €590.00 | €590.00 | D | PF | report on condition of Vendome Tower | 30/01/16 | LC02/15 | n/a | n/a | | 132 |
| 10 | FGP Ltd | €200.00 | €200.00 | D | PF | repairs on barrier | 04/02/16 | inv29876/p | 21/02/05 | 22/04/06 | | 131 |
| 11 | ELC Ltd | €1,017.29 | €1,017.29 | T | PF | works for Jan 16 | 31/01/16 | 15295 | n/a | n/a | | 130 |
| 12 | Government Property Department | €300.00 | €300.00 | D | PF | rent for Education Centre | 01/02/16 | 1431325 | n/a | n/a | | 129 |
| 13 | Government Property Department | €500.00 | €500.00 | D | PF | rent for TIO | 1//2/16 | 1431326 | n/a | n/a | | 129 |
| 14 | G4S Security Services (malta) Ltd | €140.42 | €140.42 | D | PF | cash in transit for Jan 16 | 31/01/16 | gs13915 | n/a | n/a | | 128 |
| 15 | G4S Security Services (malta) Ltd | €140.42 | €140.42 | D | PF | cash in transit for Feb 16 | 29/02/16 | gs14107 | n/a | n/a | | 128 |
| 16 | GIB | €987.11 | €987.11 | D | PF | motor insurance for council van | n/a | n/a | n/a | n/a | | 127 |
| 17 | Jason Gauci | €164.45 | €164.45 | D | PF | newspapers & supplies for Feb 16 | 01/03/16 | inv 2/16 | 1927 | 2352 | | 126 |
| 18 | Leon Promotions | €1,100.00 | €1,100.00 | D | PF | Carnival Activity 2016 | 12/02/16 | r04/16 | 1889 | 2314 | | 125 |
| 19 | Kirton & Co Ltd | €74.50 | €74.50 | D | PF | travel insurance | 23/12/15 | 219261 | n/a | n/a | | 124 |
| 20 | Power Centre Ltd | €285.00 | €285.00 | D | PF | stainlesssteel eye boltsTable & Chairs marking | 17/02/16 | 5310 | 1918 | 2343 | | 123 |
| | **Sub Total c/f** | **€25,828.22** | **€25,828.22** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€25,828.22** | **€25,828.22** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

Kunsillier

Kunsillier

**Approvati fis-Seduta Nru: 17**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full. C - Contract**

**Kunsill Lokali: Marsaxlokk**

**Skeda Nru. 03-16**

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: 8/02/16 sa 16/03/16**

| | Fornitur | Ammont tal- Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | Power Centre Ltd | €7.00 | €7.00 | D | PF | stainlesssteel eyebolts Table & Chair markings | 01/02/16 | 5293 | 1928 | 2353 | | 123 |
| 22 | Brian Bugeja | €95.57 | €95.57 | D | PF | supplies for Jan 16 | 11/03/16 | 12 | various | various | | 122 |
| 23 | Brian Bugeja | €59.97 | €59.97 | D | PF | supplies for Feb 16 | 11/03/16 | 13 | various | various | | 122 |
| 24 | Saviour Mifsud | €2,178.85 | €2,178.85 | T | PF | cleaning & upkeep of Public Conv. Feb 16 | 31/01/16 | 2 | n/a | n/a | | 121 |
| 25 | PC Options | €53.92 | €53.92 | D | PF | 3 wireless mouse for office | 18/02/2016 | iwi4915 | 1913 | 2338 | | 120 |
| 26 | V&A Services | €2,422.70 | €2,422.70 | T | PF | Difference in rates of contract (Yrs 1-3) | 14/03/16 | demxlc032 | g | n/a | | 119 |
| 27 | Duncan Hall | €62.85 | €62.85 | D | PF | Reibursement for use of personal transport | 17/3/16 | req/02/dh/2016 | | | | 134 |
| 28 | CIR | €2,534.83 | €2,534.83 | D | PF | Payroll for February 2016 | n/a | n/a | n/a | n/a | | 112 |
| 29 | | | | D | PF | | | | | | | |
| 30 | | | | D | PF | | | | | | | |
| 31 | | | | D | PF | | | | | | | |
| 32 | | | | D | PF | | | | | | | |
| 33 | | | | K | PF | | | | | | | |
| 34 | | | | D | PF | | | | | | | |
| 35 | | | | D | PF | | | | | | | |
| 36 | | | | D | PF | | | | | | | |
| 37 | | | | D | PF | | | | | | | |
| 38 | | | | D | PF | | | | | | | |
| 39 | | | | T | PF | | | | | | | |
| 40 | | | | T | PF | | | | | | | |
| | **Sub Total c/f** | €7,415.69 | €7,415.69 | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | €25,828.22 | €25,828.22 | | | | | | | | | |
| | **Total** | €33,243.91 | €33,243.91 | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

Kunsillier

Kunsillier

**Approvati fis-Seduta Nru: 17**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full. C - Contract**

**Purchase Orders and Purchase Request for February 2016**

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 2321 | 1896 | 01/02/2016 | Jason Gauci | Newspapers and Supplies for Jan 2016 | Newspapers | € 161.07 | 47 |
| 2322 | 1897 | 01/02/2016 | F. Caruana Bros Ironmongery | Roof compound, sealer, zebgha ramel etc | Education Center | € 146.80 | 47 |
| 2323 | 1898 | 01/02/2016 | Pompei Selfservice (Charles Underwood) | Detergent Supplies | Office | € 68.90 | 47 |
| 2324 | 1899 | 01/02/2016 | Caruana Bros Petrol Station | diesel ghal Van | Van | € 25.00 | 47 |
| 2325 | 1900 | 01/02/2016 | SeaCoast Confectionery | daily groceries | Office | € 7.52 | 47 |
| 2326 | 1901 | 02/02/2016 | SeaCoast Confectionery | daily groceries | Office | € 7.77 | 47 |
| 2327 | 1902 | 05/02/2016 | JJ Ironmongery | katina u 9 katnazzi | Bollards Xatt | € 60.84 | 47 |
| 2328 | 1903 | 08/02/2016 | Caruana Bros Petrol Station | diesel ghal Van u pompa | Van | € 31.00 | 47 |
| 2329 | 1904 | 11/02/2016 | PMD Coatings (Malta) Ltd | 2 x 5ltrs Traffic paint | Road markings | € 81.42 | 47 |
| 2330 | 1905 | 11/02/2016 | JJ Ironmongery | 2 Ventilaturi | Education Center | € 1.16 | 47 |
| 2331 | 1906 | 11/02/2016 | Allied Newspapers | Advert on Times of Malta | San Girgor 2016 | € 60.30 | 47 |
| 2332 | 1907 | 11/02/2016 | Union Print | Advert on l-Orizzont | San Girgor 2016 | € 68.91 | 47 |
| 2333 | 1908 | 11/02/2016 | Standard Publications | Advert on Malta Independent | San Girgor 2016 | € 52.86 | 47 |
| 2334 | 1909 | 12/02/2016 | Media Link Communications | Advert on in-Nazzjon | San Girgor 2016 | € 68.44 | 47 |
| 2335 | 1910 | 12/02/2016 | Smart Office Supplies | Plastic Folders | Office | € 23.22 | 47 |
| 2336 | 1911 | 15/02/2016 | SeaCoast Confectionery | daily groceries | Office | € 12.94 | 47 |
| 2337 | 1912 | Canx | Cancelled | Cancelled | Canx | | 47 |
| 2338 | 1913 | 16/02/2016 | Scan Malta (PC Options) | 3 Mice | Office | € 58.90 | 47 |
| 2339 | 1914 | 17/02/2016 | Schembri Concrete Blocks | Nofs bucket zrar u ramel u 2 cement | Bollards Xatt | € 22.29 | 47 |
| 2340 | 1915 | 17/02/2016 | SeaCoast Confectionery | daily groceries | Office | € 16.01 | 47 |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 2341 | 1916 | 17/02/2016 | JJ Ironmongery | Tank, fittings etc | Education Center | € 195.20 | 47 |
| 2342 | 1917 | 17/02/2016 | Caruana Bros Petrol Station | diesel ghall-van | Van | € 25.00 | 47 |
| 2343 | 1918 | 17/02/2016 | Power Center Co Ltd | 300 Bolt | Mwejjed Xatt | € 285.00 | 47 |
| 2344 | 1919 | 22/02/2016 | JJ Ironmongery | 6 katnazzi u 2 kolla | Bollards Xatt | € 19.60 | 47 |
| 2345 | 1920 | 22/02/2016 | Caruana Bros Petrol Station | Diesel ghal Van | Van | € 30.00 | 47 |
| 2346 | 1921 | 23/02/2016 | M S & S (Alfred Mallia) | Repair of water fountain | funtana gnien il-familja | € 88.53 | 47 |
| 2347 | 1922 | 24/02/2016 | SeaCoast Confectionery | daily groceries | Office | € 15.73 | 47 |
| 2348 | 1923 | 25/02/2016 | Valley Pet Shop | 2 bottijiet bexx ghal haxix hazin | Haxix Hazin | € 23.40 | 47 |
| 2349 | 1924 | 25/02/2016 | Jeffrey Pulis | New Front tyre and valve including labour | Van | € 124.00 | 47 |
| 2350 | 1925 | 26/02/2016 | JJ Ironmongery | 6 katnazzi | Bollards Xatt | € 15.48 | 47 |

Horace Guaci
Mayor

Duncan Hall
Exec. Sec

Approved on 17 | MAR | 2016.

## Petty Cash for February 2016

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| PC017/2016 | Agriproducts Ltd | Plants | 10/02/2016 | -€ 14.48 |
| PC018/2016 | Honey Point | Hospitalities | 11/02/2016 | -€ 8.87 |
| PC019/2016 | LIDL | Plants | 12/02/2016 | -€ 2.75 |
| PC020/2016 | Mamo Pyro Techniques | Ribbon | 15/02/2016 | -€ 20.00 |
| PC021/2016 | T.M. Ironmongery | 3x1ltr thinner for roadmarkings | 16/02/2016 | -€ 4.50 |
| PC022/2016 | T.M. Ironmongery | Rollers for roadmarkings | 16/02/2016 | -€ 4.00 |
| PC023/2016 | Animal Crackers | Compost | 16/02/2016 | -€ 20.25 |
| PC024/2016 | T.M. Ironmongery | Service to driller | 17/02/2016 | -€ 15.00 |
| PC025/2016 | Power Centre Co. Ltd | Studs for promenade | 17/02/2016 | -€ 10.00 |
| PC026/2016 | Rita Ironmongery | Paint | 18/02/2016 | -€ 3.00 |
| PC027/2016 | J.J. Ironmongery | Water tap for pub conv. | 20/02/2016 | -€ 14.30 |
| PC028/2016 | T.M. Ironmongery | Acorn Fittings (Education Centre) | 22/02/2016 | -€ 10.00 |
| PC029/2016 | LIDL | Coffee | 23/02/2016 | -€ 3.58 |

Horace Gauci
Mayor

Approved on 17/MAR/2016.

Duncan Hall
Executive Secretary

Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, seduta nru 17, li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar it-Tnejn 4'April 2016, fil-11:30 a.m.

1. **Prezenti** :

| | |
|---|---|
| Sindku | Horace Gauci (H.G.) |
| Vici-Sindku | Steven Grech (S.G.) |
| Kunsilliera | Janice Chetcuti ( J.C.)<br>Daniel Zerafa (D.Z.)<br>Stephen Caruana (S.C.) |
| Segretarju Ezekuttiv | Duncan Hall (D.H.) |

Membri tal-pubbliku prezenti : 2

**Agenda ghal-laqgha :**

1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti mqajma mill-Minuti
3. Komunikazzjonijiet tas-Sindku
4. Mistoqsijiet lis-Sindku
5. Korrispondenza
6. Materji u rapporti tal-kumitati/Sotto-Kumitati
7. Rapporti minn Ufficjali u membri tal-Kunsill Lokali
8. Materji Finanzjarji
9. Sejhiet ghall-offerti/kwotazzjonijiet
10. Approvazzjoni ta' hlasijiet
11. Approvazzjoni ta' petty cash
12. Approvazzjoni ta' works/purchase orders
13. Mozzjonijiet
14. Attivitajiet
15. Materji oħra
16. Aġġornament tal-laqgha

**Talba**

Is-Sur Horace Gauci flimkien ma' dawk prezenti qal it-talba

**17/01** **Qari tal-Minuti**

17/01/01 Din il-materja giet ezawrita fl-ewwel parti tas-seduta.

**17/02** ***Arisings*** **mill-Minuti**

17/02/01 Din il-materja giet ezawrita fl-ewwel parti tas-seduta.

**17/03** **Komunikazzjonijiet tas-Sindku**

17/03/01 Din il-materja giet ezawrita fl-ewwel parti tas-seduta.

**17/04** **Mistoqsijiet lis-Sindku**

17/04/01 Din il-materja giet ezawrita fl-ewwel parti tas-seduta.

**17/05** **Korrispondenza**

17/05/01 Din il-materja giet ezawrita fl-ewwel parti tas-seduta.

**17/06** **Materji u rapporti minn kumitati/Sotto-Kumitati**

17/06/01 Din il-materja giet ezawrita fl-ewwel parti tas-seduta.

**17/07** **Rapporti minn Ufficjali u Membri tal-Kunsill Lokali**

17/07/01 Din il-materja giet ezawrita fl-ewwel parti tas-seduta.

**17/08** **Materji Finanzjarji**

17/08/01 Din il-materja giet ezawrita fl-ewwel parti tas-seduta.

**17/09** **Sejhiet ghall-offerti/kwotazzjonijiet**

17/09/01 Din il-materja giet ezawrita fl-ewwel parti tas-seduta.

**17/10** **Approvazzjoni ta' hlasijiet**

17/10/01 Din il-materja giet ezawrita fl-ewwel parti tas-seduta.

**17/11** **Approvazzjoni ta' petty cash**

17/11/01 Din il-materja giet ezawrita fl-ewwel parti tas-seduta.

**17/12** **Approvazzjoni ta' works/purchase orders**

17/12/01 Din il-materja giet ezawrita fl-ewwel parti tas-seduta.

**17/13** **Mozzjonijiet**

17/13/01 Din il-materja giet ezawrita fl-ewwel parti tas-seduta.

**17/14** **Attivitajiet**

17/14/01 Din il-materja giet ezawrita fl-ewwel parti tas-seduta.

## 17/15 Materji ohra

17/15/01 *Payroll software*

Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi wara li fis-snin imghoddija l-udituri tal-Gvern kienu irrakkomandaw illi l-Kunsill Lokali jixtri software ghall-pagi, l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet hadet hsieb illi tinkiseb kwotazzjoni minghand Technosoft Ltd. ghal sistema ta' payroll. Is-Sur Hall zied jghid illi l-kwotazzjoni migbura kienet tammonta ghal €743.40.

Wara diskussjoni libera, fuq proposta tas-sur Horace Gauci issekondat mill-Kunsillier Daniel Zerafa, il-Kunsill Lokali unanimament qabel illi kellu jinxtara s-software propost.

17/15/02 *Gagga ta' fishfarm fiz-zona tal-maghluq*

Is-Sa. Janice Chetcuti infurmat lill-Kunsill Lokali illi gagga ta' fishfarm li kienet ittellghet fuq ir-ramel fiz-zona tal-maghluq kienet ghadha ma tnehhietx u talbet lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi jiehu passi immedjata sabiex l-imsemmija gagga titnehha.

Is-Sur Steven Grech informa lill-Kunsill Lokali illi kien gie stabbilit illi l-imsemmija gagga kienet tal-kumpanija MFF Ltd. u kien talab lis-sidien sabiex inehhu l-gaggga b'mod immedjat.

17/15/03 *Suq fil-berah ta' nhar ta' Hadd*

Is-Sur Steven Grech talab lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi jinbeda l-process ta' rijorganizzazzjoni tas-suq fil-berah li kien jopera kull nhar ta' Hadd mil-lokalita'.

Kien hemm diskussjoni libera dwar l-imsemmi suq fil-berah li matulha ssemmew zviluppi li kien hemm b'konnessjoni ma zona ta' parkegg li kienet ser issir ghall-bejjiegha tal-istess suq fil-berah fiz-zona tal-grawnd tal-futbol. Wara li s-Sur Grech irrimarka illi l-imsemmi zvilup ma kellu ebda konnessjoni mal-posti nfushom, kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti illi kemm il-darba ikun possibbli kellu jinbeda' l-process ta' rijorganizzazzjoni tal-bejjiegha u l-posti relatati mas-suq fil-berah

17/15/04 *Latrini pubblici u kuntratturi*

Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi hekk kif mitlub l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet hadet hsieb tissorvelja ghal perjodu ta' gimgha l-operat tal-kuntratturi tal-Kunsill Lokali. Is-Sur Hall zied jghid illi problemi li kienu inqalghu b'konnessjoni mal-gbir ta' skart domestiku kien jidher li kienu gew rizolti ghaliex ma kienux baqghu jidhlu ilmenti mir-residenti. Rigward il-kuntratt li l-Kunsill Lokali kellu ghat-tindif u manutenzjoni ta' latrini pubblici, is-Sur Hall irrimarka illi filwaqt li s-sitwazzjoni ta' ndafa kienet generalment sodisfacenti, l-amministrazzjoni kienet innutat illi kull meta saret spezzjoni qatt ma kien hemm attendant prezenti.

Wara diskussjoni libera, gie stabbilit illi filwaqt li kellha tintbaghat ittra ta' apprezzament lill-kuntrattur responsabbli mill-gbir ta' skart domestiku kellha tingibed l-attenzjoni tal-kuntrattur responsabbli mil-latrini pubblici dwar in-nuqqasijiet imsemmija.

17/15/05 *Mwejjed u Siggijiet*

Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi s-Sur Carmelo Barbara, sid tal-istabbiliment Bello Nettuno li kien jinstab fi Triq il-Wilga, Marsaxlokk kien talab illi jinhariglu permess temporanju (permezz ta' avviz legali 119 tal-2002) sabiex

ikun jista' johrog imwejjed u siggijiet fit-triq quddiem l-istabbiliment tieghu. Is-Sur Barbara li kien prezenti fis-sala talab lill-Kunsill Lokali jawtorizzah jippartecipa fid-diskussjoni. Filwaqt li ma nstabet ebda oggezzjoni ghat-talba tas-Sur Barbara u wara li ghamel l-intervent tieghu, intlehaq qbil bejn iz-zewg partijiet illi l-Kunsill Lokali kellu jigi pprezentat bi pjanti mhejjija minn perit imqabbad mis-sur Barbara li jindikaw iz-zona li fiha kien ser ikun qieghed jintalab il-permess flimkien ma' mizuri ta' sigurta li kien ser ikun qieghed jigi propost li jittiehdu. Dawn id-dokumenti kellhom eventwalment jigu sottomessi ghand l-Awtorita' Maltija ghall-ambjent u l-Ippjanar sabiex jinhargu l-permessi relativi.

17/15/06 *Parkegg f'Xatt is-Sajjieda*

Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi Transport Malta kienet harget awtorizzazzjoi temporanja lill-bejjiegha ta-suq fil-berah ta' nhar ta' hadd sabiex jipparkjaw il-vetturi taghhom b'mod djagonali mal-bankina fuq in-naha tal-bahar ta' Triq Xatt is-Sajjieda

F'dan l-istadju is-Sur Daniel Zerafa abbanduna s-seduta (12:25p.m.)

Segwiet diskussjoni libera dwar il-materja li matulha intlehaq qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti illi minkejja li kienet inharget l-awtorizzazzjoni msemmija, il-Kunsill Lokali xorta ma kienx tal-opinjoni illi s-sitwazzjoni kienet giet ratifikata bl-ahjar mod possibbli

17/15/07 *Parkegg f'Xatt is-Sajjieda fl-okkazjoni ta' Jum id-Duluri*

Is-Sur Steven Grech talab lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi jsir arrangamenti sabiex il-parkegg f'Jum id-Duluri ikun ristrett minhabba attivita' li kienet ser tittella' matul triq Xatt is-Sajjieda.

Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti illi l-Kunsill Lokali kellu jimxi fuq il-proposta tas-Sur Steven Grech.

Is-Seduta spiccat fis-1:00p.m. minghajr ma giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghal nhar il-Hamis 14 t'April 2016 fil-5:00a.m.

**Horace Gauci**
**Sindku**

**Duncan Hall**
**Segretarju Ezekuttiv**

Data: 14/4/16